MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 534/2001/1

**Marianne Borda, mart Anthony Aquilina minnu legalment separata**

**vs**

**Anthony Aquilina**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Parrocca ta’ Lourdes, Rahal Gdid, fis-17 ta’ April 1975 (Dok “A”);

Illi l-partijiet isseparaw legalment in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Vaness Pool tat-23 ta’ Lulju 1998, in forza ta’ liema kuntratt l-attrici rrivertiet ghal kunjom xbubitha Borda (Dok “B”);

Illi l-kunsens da parti tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk dan l-istess zwieg hu null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975** ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 1975 hu null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975** ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-14 ta' Settembru 2001 a fol. 18 fejn gie eccepit:

1. Illi hemm qbil li z-zwieg tal-kontendenti huwa null izda mhux minhabba r-ragunijiet kif dedotti fic-citazzjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2001 fejn l-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota tal-attrici Marianne Borda tas-7 ta' Dicembru 2001 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tal-14 ta' Dicembru 2001; tat-12 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-8 ta' Mejju 2002; u tad-19 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici u hamsin (50) gurnata lill-konvenut.

Rat in-nota tal-attrici datata 26 ta' Gunju 2002 fejn biha esebiet l-affidavit ta' Josephine Cachia.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2002 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-konvenut irrimettiet ruhha ghall-provi attrici. Fuq talba tad-difensuri l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Marianne Borda** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Illi fir-rigward tal-konvenut zewgi, ghandi nghid li meta kien ghadu il-Liceo (Form 4) tal-Hamrun, missieru kien spicca bla xoghol. Peress li l-konvenut kien l-akbar fost l-ahwa huwa kellu jitlaq mill-iskola sabiex jidhol bhala apprentist it-Tarzna. Ir-Rettur tal-Liceo kien qal lil omm il-konvenut li kienet ser tohdilhom l-ahjar tifel li kellhom. Il-konvenut dejjem jghid li ommu rrovinatlu hajtu ghax hu gatt ma ried imur it-Tarzna. Din effettwatu hafna tant li lili kien isemmihieli ta' spiss;*

*Nghid ukoll li missieru kien fis-Servizz ma' l-Armata Ngliza u kien strett hafna fuq uliedu. Lir-ragel tieghi kienu jghidulu li kien qisu Hitler ghax kien igib ruhu bhal missieru fit-konfront ta' hutu,*

*Nghid li missier il-konvenut beda jbaghti minn 'mental break down' meta dan waqaf minn mas-Servizz, tant li martu kienet iggiblu l-barbier id-dar;*

*Meta ltqajt mat-konvenut, jiena kelli biss hmistax-il sena (15) u hu kellu ghoxrin (20). Huwa kien jilghab il-'football' u kien jghidli li hadd ma kien ser inehhilu l-'football' minn hajtu. Dak iz-zmien jiena kont zghira hafna u kont incedilu u ma kontx immerih jew nargumenta mieghu meta ma kontx naqbel mieghu;*

*Nghid li fis-sena 1973 kien miet hija ta' tnejn u ghoxrin (22) sena. Ommi kienet xtrat post ghalih f'Birzebbuga. Dan il-post hadtu jiena. Wara z-zwieg tieghi mal-konvenut, dan il-post bdejna nuzawh bhala d-dar matrimonjali taghna;*

*Nghid li tul l-gherusija, il-konvenut kien jilghab il-'football' kuljum u fil-ghaxija kien jigi d-dar t'ommi. Fil-'weekends' konna nohorgu c-cinema jew ma' xi hbieb minn Rahal Gdid stess,*

*Nghid li jiena kont inhobb iz-zfin, pero', hu qatt ma ried li mmorru nizfnu. Jiena naf li hu ma kienx ikun irid u minhabba f'hekk kont incedi u ma kontx ninsisti mieghu;*

*Nghid li l-konvenut ma refa' ebda responsabbilta' ghall-hajja matrimonjali taghna, lanqas dik finanzjarja. Il-post fejn konna bdejna nirresjedu tatuli ommi. L-ghamara wkoll inxtrat minn ommi u anke t-tieg hallset ghalih ommi. Il-ftit flus li kien faddal il-konvenut nefaqhom meta mar 'holiday' l-Ingilterra ma' habib tieghu. Dan kien ftit zmien qabel ma zzewwigna. Il-karozza li kien juza dak iz-zmien kienet ta' hija;*

*Nghid li zewgi ma kienx tajjeb ghall-hajja mizzewga. Huwa kien igib ruhu b'tali mod Ii kien qisu ghadu ma zzewwigx. Wara x-xoghol kien imur it-'training' u ftit kien ikun id-dar. Nghid li l-konvenut kellu madwar tmenin (80) 'pen friends', u meta kien ikun id-dar kien joqghod jara dawn l-ittri li kien jircievi u jirrispondi ghalihom. Kien idum anke sas-2:00 ta' fil-ghodu jikteb l-ittri specjalment meta kien qed jikkorrispondi ma' certa Suzanne White ta' Nazzjonalita' Ngliza;*

*Nghid ukoll li f'okkazjoni partikolari, ftit zmien wara li konna ghadna kif izzewwigna, il-konvenut kien gie jghidli li kien rikkeb prostituta minn Bormla fl-inhawi ta' De La Salle. Huwa qal li ghamel hekk sabiex jistaqsiha kemm kienet tiehu flus peress Ii kien ra lill-habib tieghu jaghmel hekk;*

*Nghid Ii xi ghaxar xhur wara li zzewwigna morna noqoghdu mal-genituri tieghi go dar gdida l-Fgura;*

*Wara xi zmien Ii beda jikteb IiI Susan White beda hafna nkwiet, u hu mar il-Posta ta' Bormla biex jikri kaxxa tal-posta. Hu kien jircievi l-posta hemm u kien imur jigborha fil-'break' tieghu. Zewgi kien imur ghat-tahrig ta' 'coaching' go Ta' Qali. Dan it-tahrig kien jispicca ghal xi l-ghaxra ta' fil-ghaxija. F'xi zmien kien hawn 'pen-friend' tieghu Malta u wara Ta' Qali huwa kien jibqa' sejjer biex jiltaqa' maghha d-Dolmen Hotel, Bugibba. Id-dar kien jigi f'xi nofs il-lejl;*

*Meta kont nghidlu Ii dan il-komportament ma kienx joghgobni, kien jibda jghajjat u jkisser l-affarijiet. Id-dar kulhadd kien jibza' minnu. Meta binti kienet iggib xi xoghol ta' l-iskola Ii ma kienx ikun tajjeb kien jikkastigaha u xi kultant jghidilha toqghod fil-bitha wahedha jew jibda jghajjat f'wiccha. Meta kont nghid lil ommu dwar dawn l-affarijiet dejjem kienet tghidli biex niehu pacenzja ghax hu kien bhal missieru. Fid-dar konna qisna go habs.*

*Il-'penfriend' tieghu minn Vienna giet tarana tliet darbiet. Kienet togghod maghna u jien dejjem ippruvajt li jkollha*

*vakanza tajba. Darba f'Mejju tal-1990 qalli Ii ried imur jara loghba futbol go Vienna u Ii se joqghod mal-'penfriend' tieghu. Jiena kont insistejt mieghu li ahna kellna mmorru mieghu ghall-vakanza imma hu ma riedx u wara hafna nkwiet telaq wahdu ghal hmistax-il gurnata. Wara xahrejn qalli li din it-tfajla, li kien jisimha Angelica, kienet gejja ghar-raba' darba biex toqghod maghna. Jiena ma stajtx nghidlu le ghaliex hu dejjem ghamel li ried. Meta giet huma ppreparaw kollox minn wara dahri. Marru l-belt Valletta biex jixtri 'flight ticket' ghal Vienna biex imur joqghod maghha hemm. Wara hafna nkwiet hu qalli li jekk ma jmurx huwa kien ser jaghmilli hajti mizerabbli. Ahna ghamilna l-ewwel separazzjoni taghna u telaq. Wara xahrejn gie lura minhabba f'bintna.*

*Meta gie lura minn Vienna jiena hsibt li se jbiddel hajtu imma l-affarijiet marru ghall-aghar.*

*Beda johrog ma' mara minn Paola, Josephine. Jiena ma kontx naf b'dan ghal zmien twil ghaliex kien jghidli li qed johrog mal-hbieb tieghu mill-'club'.*

*Meta kien ihossu mdejjaq hafna kien jixrob hafna 'brandy' u jiehu pilloli ghad-dipressjoni. Darba mar ukoll Mount Carmel wahdu. Kien jibda' jhabbat rasu mall-hajt u jibki il-hin kollu. Jiena ma kontx naf ghaliex imma sibtlu ittra bl-indirizz ta' Josephine u cempiltilha. Din qaltli l-istorja kollha u li riedet titilqu. Din Josephine kienet onesta mieghi u fil-fatt jiena apprezzajt hafna l-onesta taghha tant li ma ggilidtx maghha u anzi nghid li sirna hbieb. Il-konvenut ma kienx kuntent li ahna konna sirna hbieb.*

*Fil-frattemp jiena kont naf li qed jara xi mara ohra imma ghidt lili nnifsi li hu issa spicca mill-hajja tieghi. Darba habib tieghu gie jkellimni fuqu. Infurmani li kien sab lir-ragel tieghi mal-mara tieghu d-dar f'Santa Lucia w ergajna bdejna b'hafna nkwiet. Kissirli l-ghamara kollha u beda jsawwatni. Il-habiba tieghi Josephine cemplet ghall-pulizija u gew ghalija biex johorguni mid-dar u l-pulizija qaluli: "X'int tistenna li joqtlok?" Sa fejn naf*

*jiena, zewgi ghadu f'relazzioni ma' dik il-mara minn Santa Lucija".*

Dan kollu gie konfermat ukoll minn **Josephine Cachia** fix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn xehdet illi:-

*"Jiena kont immur ghand ommi Hal-Tarxien u dan ir-ragel (Anthony Aquilina) kien isegwini l-hin kollu. Darba waqaf bil-karozza biex ikellimni u jien ghidtlu biex imur jiehu hsieb il-mara tieghu u t-tfal imma hu irrispondini billi qalli li kellu tifla wahda u li kien separat.*

*Jiena armla u bdejt nohrog mieghu.*

*Iz-zmien ghadda u jien dejjem bqajt nghidlu biex imur ma' martu imma hu kien jghidli li hu kien jixtiqilha kull gid izda ma kienx kuntent maghha. Darba ghidtlu li ma rridx niltaqa' mieghu izjed u hu kien jibghatli l-ittri. Darba l-mara tieghu cemplitli ghaliex sabet in-numru tat-telefon fuq wahda mill-ittri tieghu.*

*Ahna ltqajna l-Belt Valletta u ghidtilha l-istorja kollha fuqna. Wara xi zmien jiena anke sirt naf li mar ifittex nisa ohra. Jiena kont l-unika persuna biex nghin lil mara tieghu meta cemplitli biex tghidli li kien qed jiggieled maghha u jsawwatha, ghalhekk jiena mort id-dar taghhom, ghax ma kienx ihalliha tohrog mid-dar. Jien qghadt hemm sakemm giet ommha, mort lura d-dar, ergajt cempiltilha imma kien ghadu jiggieled maghha, allura cempilt lil "Helpline" u dawn iddecidew li jcemplu lill-pulizija.*

*Wara dan kollu gie jfittixni l-fabbrika imma jien ghidtlu biex ihallini. Irrid nghid ukoll li meta kien johrog mieghi s-Sur Aquilina kien igib ruhu tajjeb u l-atteggjament tieghu mieghi kien kompletament differenti mill-atteggjament tieghu ma' martu. Li kieku mhux ghax rajt l-atteggjament tieghu ma' martu b'ghajnejja lanqas qatt ma kont nemmen li kien igib ruhu b'dak il-mod".*

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

**(a) KAWZA ODJERNA.**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut iccelebrat fis-17 ta' Aprik 1975 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hija qed tallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**(b) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.**

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha ssostni li l-kunsens tal-konvenut kien nieqes mid-diskrezzjoni necessarja biex jizzewweg, u ghalhekk l-istess attrici qed ticcita l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**. Dan l-artiklu jghid hekk:-

***Art. 19 (1):*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju "*supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Infatti l-awtur ***Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994]) jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di*

*giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich*, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere"*. *"L' incapacita` di assumere gli*

*oneri essenziali della vita coniugale"*, jghid il-**Bersini**, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich*, P.J.,** op. Cit., p. 687).

**(c) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta lampanti li *nonostante* li l-istess konvenut ha l-pass taz-zwieg mal-attrici huwa qatt ma kien lest li jghix ta' ragel mizzewweg u josserva l-obbligazzjonijiet taz-zwieg, tant li jista' jinghad li mit-testimonjanza tal-attrici jidher car li l-istess konvenut ried ikompli jghix ta' guvni, jimportah biss mill-futbol, u mill-hbieb tieghu, u anke li jkollu relazzjonijiet ma' nisa ohra fuq rata pjuttost kontinwa, b'dan ghalhekk li jidher car li l-istess konvenut kellu nuqqas ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u lanqas biss kien konxju tal-elementi essenzjali tal-istess zwieg.

Illi dan jirrizulta wkoll mill-fatt li jidher, dejjem mill-provi prodotti, li l-konvenut naqas li jikkontesta, li fil-fatt il-maggor parti kienet l-attrici li hasbet fejn kienu ser joqoghdu l-istess konjugi u l-mezzi ghall-istess, *stante* li jidher li l-konvenut qajla kien jimpurtah dwar dan, izda mohhu kien koncentrat fuq dak li hass li kienu l-bzonnijiet tieghu, inkluz li jkollu kuntatt ma' numru konsiderevoli ta' *pen friends.* L-emozzjoni, l-imhabba, u kull tip ta' gibda jew rabta bejn il-partijiet tidher li kienet nieqsa ghal kollox u jidher li f'din l-istanza l-konvenut ma kellu lanqas gibda lejn l-attrici u fil-fatt stqarr kemm-il darba, anke ma' terzi persuni li ma kienx kuntent maghha. Mhux hekk biss, izda sfortunatament ir-rispett tal-konvenut lejn martu kien tant fqir li kien anke jsawwat lil martu jekk ikun hemm xi haga li ma toghgbux fejn jidher li huwa ried u ha liberta' assoluta, mentri l-attrici kellha titlob il-permess sabiex tohrog minn darha. Certament li tali attitudini tinnega ghal kollox l-kuncett ta' zwieg, u ghalhekk jidher li t-talba attrici ghanda tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 1975 hu null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975, Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------